# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 23**
**Appell numru 2/2020**

***V.J. Salomone Pharma Limited* (C-10268)**

***v.***

***Central Procurement and Supplies Unit***
**tal-Ministeru tas-Saħħa; Direttur Ġenerali**
**tad-Dipartiment tal-Kuntratti; u**
***Cherubino Limited***

1. Dan huwa appell ta' *V.J. Salomone Pharma Limited* [*V.J. Salomone*] minn deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2019 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi [il-Bord ta' Reviżjoni], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku [L.S. 174.04], li ordna li titħassar sejħa ("*request for participation*") magħmula mis-*Central Procurement and Supplies Unit* [*CPSU*]. *V.J. Salomone* tgħid li d-deċiżjoni tal-bord

ingħatat bla ma hija ngħatat fakoltà li tinstema' minkejja l-interess tagħha fil-materja li dwarha ngħatat id-deċiżjoni.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: kienet saret sejħa ("*request for participation*") mis-*Central Procurement and Supplies Unit* [*CPSU*] għal offerti għall-provvisita ta' mediċini. L-offerti kellhom isiru sas-17 ta' Ottubru 2019 iżda ż-żmien iġġedded sad-29 ta' Ottubru 2019. Fit-28 ta' Ottubru 2019, meta s-sejħa kienet għadha miftuħa, *Cherubino Limited* [*Cherubino*] ressqet rikors taħt ir-reg. 262 tal-L.S. 174.04 li għalih *V.J. Salomone* wieġbet fil-31 ta' Ottubru 2019.

3. Fit-3 ta' Ottubru 2019 il-Bord ta' Reviżjoni żamm seduta li għaliha kienet imsejħa u fiha ħadet sehem *Cherubino* iżda *V.J. Salomone* ma kinitx mgħarrfa b'dik is-seduta għalkemm id-data kienet pubblikata fuq il-*website* tal-bord. Il-bord imbagħad ta d-deċiżjoni tiegħu fis-17 ta' Diċembru 2019. *V.J. Salomone* ressqet appell minn din id-deċiżjoni b'rikors tas-6 ta' Jannar 2020. Id-Direttur tal-Kuntratti wieġeb fit-23 ta' Jannar 2020, *Cherubino* wieġbet fl-24 ta' Jannar 2020, u *CPSU* wieġbet fis-27 ta' Jannar 2020.

4. It-tweġiba tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti hija illi hu ma kellux sehem fis-sejħa u fil-proċeduri relativi quddiem il-Bord ta' Reviżjoni u għalhekk l-appell ma kellux isir kontrih. Dan huwa minnu, u l-qorti għalhekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

5. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell ta' *V.J. Salomone.*

6. L-ewwel aggravju huwa msejjes fuq l-argument illi d-"deċiżjoni u determinazzjoni [*sc.* tal-Bord ta' Reviżjoni huma] kontra l-liġi u bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali". *V.J. Salomone* tgħid illi mhux biss hija ma kinitx mgħarrfa bis-seduta – u għalhekk ma kellhiex opportunità tressaq xiehda u tagħmel l-ossrevazzjonijiet tagħha – iżda wkoll il-bord lanqas qies is-sottomissjonijiet u l-osservazzjonijiet tagħha li kienet għamlet fit-tweġiba tagħha għar-rikors ta' *Cherubino*.

7. *Cherubino* wieġbet illi tagħrif dwar dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni huwa mxandar fuq il-*website* tal-bord, kif sar f'dan il-każ u kif igħid u jrid ir-reg. 263(3) tal-L.S. 174.04:

> »**263.** (3) Il-kandidati prospettivi jew offerenti għandhom jidħlu fil-*website* tal-Bord ta' Reviżjoni u jżommu ruħhom infurmati dwar l-aħħar informazzjoni ppubblikata *online*.«

8. Jekk *V.J. Salomone* naqset milli tħares dan l-obbligu u għalhekk ma saritx taf bis-seduta, *imputet sibi.* L-istess tgħid *CPSU*.

9. Huwa minnu illi, b'żjieda mal-obbligu tiegħu li jxandar l-avviżi fuq il-*website*, il-Bord ta' Reviżjoni għandu wkoll il-prassi li jgħarraf lill-partijiet interessati individwalment dwar seduti li jkunu sejrin isiru. Huwa minnu wkoll illi f'dan il-każ bi żvista ma ngħatax avviż lil *V.J. Salomone* dwar is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019 minkejja l-interess tagħha f'dak li kien sejjer jiġi dibattut f'dik is-seduta.

10. Madankollu, dan ma jeħlisx lil *V.J. Salomone* mill-oneru li tieħu interess u tidħol fil-*website* biex iżżomm ruħha informata. Kienet taf illi sar rikors minn *Cherubino* għax wieġbet għalih u għalhekk kienet taf

ukoll illi l-Bord ta' Reviżjoni kien sejjer iżomm seduta biex jisma' l-partijiet, kif igħid u jrid ir-reg. 265 tal-L.S. 174.04. Għalhekk igħidu sew il-partijiet l-oħra li kellha mezz biex tkun taf bis-seduta u naqset li ma nqdietx b'dak il-mezz. Il-fatt illi l-Bord ta' Reviżjoni, b'żjieda mad-dmir tiegħu li jagħti t-tagħrif fuq il-*website*, igħarraf ukoll lill-partijiet interessati ma jfissirx illi jekk jonqos milli jgħarraf lil parti individwalment b'hekk ikun naqas ukoll milli jagħti l-pubbliċità meħtieġa jekk dak it-taħgrif ikun qiegħdu fuq il-*website*. Naturalment, jekk ħoloq din il-prassi u ħoloq l-aspettativa li jingħataw avviżi individwalment, ma għandux f'daqqa waħda jibdilha, biex ma jissorprendi lil ħadd, iżda jekk aċċidentalment jonqos – bħal ma ġara f'dan il-każ – dan ma jeħlisx lill-partijiet interessati milli huma wkoll iħarsu l-oneru tagħhom taħt ir-reg. 263(3).

11. Il-qorti għalhekk ma tarax illi għandha tħassar id-deċiżjoni li minnha sar l-appell għar-raġuni biss illi l-appellanti ma ngħatatx individwalment avviż tas-seduta.

12. Konsiderazzjonijiet oħra iżda japplikaw għat-tieni parti tal-ilment ta' *V.J. Salomone*, *viz* illi:

> »… … … ġiet injorata kompletament mill-bord li lanqas biss ikkunsidra s-sottomissjonijiet li hija kienet ressqet bil-miktub u lanqas biss indika lis-soċjetà appellanti bħala interessata fil-proċeduri. Il-bord … … … saħansitra injora l-eżistenza tagħha bħala parti fil-proċeduri b'mod komplet u skarta bħala qisha qatt ma seħħet ir-risposta tagħha u l-posizzjoni tagħha bħala parti interessata.«

13. Dan huwa minnu. Għalkemm *V.J. Salomone* indikat l-interess tagħha billi wieġbet għar-rikors ta' *Cherubino*, mhux biss id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni mkien ma tindirizza s-sottomissjonijiet tagħha iżda lanqas

biss inqar sar aċċenn għat-tweġiba. Dan – abbinat mal-fatt illi l-bord naqas li jgħarraf lil *V.J. Salomone* bis-seduta – joħloq suspett raġon-evoli illi l-bord ma qiesx it-tweġiba u b'hekk mhux biss effettivament ċaħħad lil *V.J. Salomone* mill-jedd mogħti lilha bir-reg. 264 tal-L.S. 174.04 li tippreżenta tweġiba – għax tweġiba li ma titqiesx tiswa daqs tweġiba li ma tħallietx issir – iżda wkoll ma qiesx il-fatturi kollha relevanti qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu, li hu fattur importanti meta tqis illi d-deċiżjoni tolqot l-infiq ta' flus pubbliċi.

14. Dan, fil-fehma tal-qorti, hu biżżejjed biex id-deċiżjoni li minnha sar l-appell titħassar.

15. Il-qorti għalhekk, wara li teħles lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti mill-ħarsien tal-ġudizzju, tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tas-17 ta' Diċembru 2019 u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-bord sabiex dan iqis mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu wara li jqis ukoll it-tweġiba ta' *V.J. Salomone Limited* għar-rikors ta' *Cherubino* tat-28 ta' Ottubru 2018, u jisma' lill-partijiet interessati.

16. L-ispejjeż tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti tħallas-hom *V.J. Salomone*; l-ispejjeż l-oħra tal-appell tħallashom *CPSU*.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr